Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10583 – CPP INVESTMENTS / VOTORANTIM / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 134/13)

1. Fis-17 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CPP Investments (il-Kanada),

— Votorantim S.A. ("Votorantim", il-Brażil),

— l-Impriża bi Sħab (il-joint venture, "JV", il-Brażil).

CPP Investments u Votorantim se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-impriża bi sħab (JV) li għadha kif inħolqot.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CPP Investments hija organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-investiment li tinvesti l-fondi tal-Canada Pension Plan Fund,

— Votorantim hija attiva f'varjetà ta' segmenti tan-negozju, inklużi s-siment u l-konkrit, l-estrazzjoni u l-metallurġija, il-meraq ikkonċentrat tal-laringè, is-swieq ta' speċjalità kimika, il-ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika u s-settur finanzjarju.

3. Il-JV se tinvesti fi u / jew tiżviluppa (a) proġetti rinnovabbli f'żoni ġodda u (b) opportunitajiet ġodda ta' enerġija rinnovabbli, u se tkun attiva esklużivament fil-Brażil.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10583 – CPP INVESTMENTS / VOTORANTIM / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË